MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2011

Numru. 1043/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ELTON TALIANA**
**KONTRA**

**JOSEPH MUSCAT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Joseph Muscat ta’ 25 sena, bin Joseph u Carmen nee’ Borg, mwieled Pieta’ nhar is- 17 ta’ Settembru 1985, residenti 99, Perth, Triq Ganu, Birkirkara, u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- nurmu 476085M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f’ Awwissu 2011 u fix- xhur ta’ qabel, gewwa Birkirkara u f’ inhawi ohra f’ dawn il- Gzejjer;

1) Bil- hsieb li jestorci flus jew xi hag’ ohra, jew li jaghmel qliegh, uza’ vjolenza sabiex igieghel lil missieru jaghmel, ihalli jsir, jew jonqos milli jaghmel xi haga;

2) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, fuq apparat elettroniku ta’ ohtu Lucienne Muscat meta l- hsara hija izjed minn €1,164.69;

3) ta’ fastidju lil persuna ohra u cioe’ lil missieru Joseph Muscat, b’ mod illi kien jaf jew ikun missu kien jaf li dan kient a’ fastidtju ghal dik il- persuna;

4) bl- imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor u cioe’ lil missieru Joseph Muscat biza’ li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l- propjeta’ tieghu jew kontra l- persuna jew il- propjeta’ ta’ xi hadd mill- axxendenti, dixxendenti ahwa subien jew bniet meta huwa jaf jew messu kien jaf li l- imgieba tieghu se jikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza’ kull darba minn dawk l- okkazjonijiet;

5) ikkaguna griehi hfief fuq il- persuna ta’ missieru Joseph Muscat;

6) Ghamel lil missieru Joseph Muscat ingurji jew theddid;

7) talli kiser il- probation taht l- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta fejn kien gie misjub hati minn sentenza tal- Qorti tal- Magistrati f’ Malta fit- 18 ta’ Frar 2011 meta gie misjub hati mill- Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D;

8) talli ghamel reat iehor meta kien illiberat bil- kundizzjoni taht l- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta fejn kien gie misjub hati minn sentenza tal- Qorti tal- Magistrati f’ Malta fit- 13 t’ April 2011 meta gie misjub hati mill- Magistrat Dr A.J.Vella LL.D;

9) talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal- Artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta billi kien gie misjub hati b' sentenza tal- Qorti ta' Malta li saru definittivi u ghaldaqstant ma jistghux jinbidlu;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-parti leza f'din il-kawza talbet lill-Qorti sabiex ma tixhedx, peress illi l-istess parti leza kienet tigi mill-imputat u kienet qed tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali;

Rat illi l-Qorti ma laqghetx din it-talba meta saret, izda peress illi din l-istess talba baqghet hekk issir b'insistenza mill-parti leza ghal diversi drabi, ukoll jekk f'dati differenti, allura l-Qorti laqghet it-talba;

**Ikkunsidrat:**

In vista ta' nuqqas ta' provi migjuba kontra l-imputat f'din il-kawza, u dan peress illi l-parti leza ma xehdetx fil-kawza, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tillibera lill-imputat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 250, 251, 325, 251A, 251B, 221 u 339 (e) tal- Kapitolu 9 u Artikolu 7 u 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------